32003D0833

L 116/20 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 29.11.2003

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Novembru 2003

## li tapprova min-naħa tal-Komunità Ewropea emendi għall-Annessi tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerka dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali f'kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali

**(Test b'relevanza għall-ŻE)**

(2003/833/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-deċiżjoni tal-Kunsill 98/258/KE tas-16 ta' Marzu 1998 dwar il-konkluzzjoni ta' ftehim bejn il-Komunità u l-Istati Uniti ta' l-Amerka dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa tal-pubbliku u ta' l-annimali fil-kummerċ ta' annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 4, tielet paragrafu tagħha,

Billi:

(1) Il-kumitat konġunt ta' ġestjoni għall-Ftehim (il-kumitat) fil-laqgħa tat-2 ta' Ottubru 2003 ħareġ rakkomandazzjonijiet li jikkonċernaw id-determinazzjoni ta' ekwivalenza għall-ġelatina u kollaġen għall-konsum uman. Bħala riżultat ta' din ir-rakkomandazzjoni huwa xieraq li jkun hemm emenda għal-Anness V tal-Ftehim.

(2) Dawk l-emendi għandhom ikunu approvati min-naħa tal-komunità.

(3) Il-miżura li hemm provediment għaliha f'din id-deċiżjoni bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-katina ta' l-ikel u s-saħħa ta' l-annimali

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Skond ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Konġunt imwaqqaf taħt l-Artikolu 14 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerka dwar miżuri sanitarji biex jipproteġu s-saħħa pubblika u dik ta' l-annimali fil-kummerċ f'annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali, l-emendi għall-Anness V lejn dan il-Ftehim huwa għalhekk approvat min naħa tal-komunità Ewropea. It–test għal dan il-Ftehim f'forma ta' ittri ta' skambju, jinkludu l-emendi għal-Anness V tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Id-Direttur Ġenerali għas-saħħa u l-protezzjoni tal-konsumatur huwa hawnhekk awtorizzat li jiffirma l-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri biex jorbot lill-Komunità.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-ewwel ġurnata tax-xahar wara x-xahar li fih l-Istati Uniti ta' l-Amerka nnotifikat lill-Kummissjoni bil-miktub li l-proċeduri interni għall-approvazzjoni ta' l-emendi li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1 kienu kompluti.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Novembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

David BYRNE

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 118, tal-21.4.1998, p. 1.